# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU.1482

Kaz Nru. 1578

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mary Shephard

u

Socjeta SPCA

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Hamis 12 ta' Frar 2004

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 28 ta' Settembru 2001 Referenza : MSP/TI/72/2001 biex tigi pprocessata skond il-Provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) ta' l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hdax-il (11) seduta.

Ms Mary Shephard aktar 'l quddiem tissejjah l-appellanti kienet assistita mill-Avukat Joseph Brincat LL.D

Ghas-Socjeta SPCA dehret il-President taghha s-Sinjura Monica Wiedersum assistita mill-Profs. Ian Refalo LL.D., l-Avukata Jacqueline Borg LL.D. u aktar 'l quddiem mill-Avukata Therese Cachia LL.D

L-istess Sjra Monica Wiedersum aktar 'l quddiem giet sostitwita minn Ms Barbara Cassar Torreggiani.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellanti fl-Istqarrija tal-Kaz tghid illi kienet impjegata bhala *Executive Secretary* mas-socjeta SPCA; illi gie allegat li kisret il-kunfidenzjalita ta' ittra illi irceviet u ma kienx jixirqilha aktar fiducja. L-impieg taghha gie tterminat oltre illi keccewha mill-kumitat fejn kienet eletta. Tghid illi l-kwistjoni tal-*membership* tal-kumitat m'hix kwistjoni remessa lit-Tribunal Industrijali; illi l-appellanti kienet irceviet ittra fejn saru diversi allegazzjoniet kemm fuqha u kemm fuq membri ohra illi jahdmu mas-socjeta; illi fl-istess ittra tqajmu kwistjonijiet illi hija kellha tikkontrollhom. Illi ghalhekk it-terminazzjoni ta' l-impieg ma saritx ghal raguni gusta u valida.

Is-socjeta fl-Istqarrija tal-Kaz tghid illi l-kariga ta' *Executive Secretary* ma tammontax ghall-impieg u ghalhekk it-terminazzjoni ta' dik il-kariga tessorbita t-termini tat-Tribunal.

Illi fit-tieni lok il-kariga ta' *Executive Secretary* hija bil-fors kariga li tiddependi mill-fiducja tal-kumitat tas-socjeta; illi t-telfien ta' dik il-fiducja hija fiha nnifisha raguni sufficjenti ghat-terminazzjoni ta' dik il-kariga.

Illi fit-tielet lok billi l-kariga hija wahda ta' fiducja l-appellanti qatt ma jista' jkollha dritt ghal *reinstatement* imma, se maj, biss ghad-danni.

Illi fir-raba' lok il-kumitat tas-socjeta kellu raguni biex jitlef il-fiducja li kellu fil-persuna ta' l-appellanti bhala *Executive Secretary.* Kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn membri tal-kumitat sabu ruhhom f'pozizzjoni li ma setghux jaqblu ma' l-imgieba ta' l-appellanti.

Illi kien hemm okkazzjonijiet ukoll fejn hija pprovat thedded lill-impjegati biex dawn ma jkellmux il-membri tal-kumitat b'rizultat li minn finalment kien responsabbli ghat-tmexxija tas-socjeta ma kienx jaf x'qieghed jigri.

**Kunsiderazzjonijiet**

Matul is-smieh tal-kaz it-Tribunal zamm hdax-il (11) seduta. Fl-ahhar seduta, il-hdax il-wahda, d-difensura tas-socjeta qajmet il-kaz illi l-appellanti ma kienetx impjegata mas-socjeta u bis-sahha ta' hekk talbet lit-Tribunal biex jghati Decizjoni Preliminari dwar dan il-punt. Ghal dan il-kaz imressaq mis-socjeta d-difensur ta' l-appellanti ma ghamilx oggezzjoni u qal li huma joghqodu ghad-decizjoni tat-Tribunal.

Kif diga intqal dan il-kaz kien ilu ghaddej, saru hdax-il seduta u instemghu diversi xhieda. Il-kaz kien il-hin kollu trattat dwar l-allegat tkeccija ingusta ta' l-appellanti. Fl-Istqarrija tal-Kaz is-socjeta ghamlet referenza illi t-tkeccija ma tammuntax ghal impieg u ghalhekk it-terminazzjoni ghal impieg tal-kariga tessorbita t-termini tat-Tribunal. Ghalkemm is-socjeta qalet dan fl-Istqarrija tal-Kaz taghha ma sostnietx dan il-punt u nvista ta' dan in-nuqqas il-kaz tmexxa matul is-seduti precedenti a bazi ta' tkeccija ngusta.

Biex ikun jista' jasal ghad-Decizjoni Preliminari t-Tribunal ra u evalwa dak kollu li ntqal matul is-smieh tal-kaz mix-xhieda dwar il-punt imqajjem mis-socjeta illi l-appellanti ma kienetx impjegata mas-socjeta peress li kienet *Executive Secretary* tal-kumitat tas-socjeta.

Mix-xhieda prodotta intqal illi l-appellanti kellha l-ewwel ingagg mas-socjeta bhala *"Home Manager"*, aktar tard fl-*Annual General Meeting* tas-socjeta giet mghazulha *"Executive Secretary"*. Bir-regoli tas-socjeta il-*"Home Manager"*

u l-*"Executive Secretary"* saru haga wahda. Dan intqal fix-xhieda ta' Ms Monica Wiedersum, *Chairperson* tas-socjeta.

Is-Sur Philip Zammit Briffa eks-*Tezorier* tas-socjeta fix-xhieda tieghu qal illi kien jokkupa l-kariga bejn Gunju ta' l-2000 u Gunju ta' l-2001. Qal illi l-appellanti kienet impjegata qabel ma sar membru tal-kumitat. Jghid li giet impjegata bejn April u Mejju ta' l-2000 mit-*"Trustees"* tas-socjeta. Spiega li x-xoghol taghha kien li tamministra l-*Home* il-Floriana u tkun *"Executive Secretary"* tal-kumitat. L-appellanti kellha *"retainer fee"* ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u kien ihallasha darba fix-xahar jew darba kull erba' gimghat. L-appellanti gieli kienet tghidlu li l-paga mhux sejra tohodha, izda pero kienet tixtieq li dawn il-flus tal-paga imorru ghall-*improvements* fil-*Home.*

Hu evidenti li l-appellanti meta bdiet fl-impieg mas-socjeta bdiet fil-kariga ta' *"Home Manager".* Kien bis-sahha ta' l-*Annual General Meeting* illi din il-kariga ta' *Home Manager* giet nkorporata f'titolu wiehed ta' *Home Manager* u *Executive Secretary.* B'dan il-kambjament fit-titolu l-appellanti ma bidlitx il-pozizzjoni ta' l-impieg taghha. L-eks-Tezorier, is-Sur Philip Zammit Briffa qal li kien itijha l-paga regolari meta kien ihallas lill-impjegati. Kien minn rajha fejn gieli kien hemm okkazzjonijiet, li skond it-Tezorier kienu ta' hames darbiet f'sena, li ma haditx il-paga u riedet illi dawk il-flus dovuti lilha bhala hlas tal-paga ma tohodhomx u jmorru ghal *Home.* Dan il-gest li toffri l-paga taghha ghal *Home* f'okkazzjoni li giet repetuta ghal hames darbiet f'sena juri kemm l-appellanti verament kellha ghal qalba l-*Home.*

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet sema' u evalwa x-xhieda prodotta dejjem fil-kuntest ta' jekk l-appellanti kienetx impjegata tas-socjeta jew le. Jaqta u jiddeciedi illi l-appellanti kienet impjegata tas-socjeta.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**